**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 578/2019**

**Road Construction Co Ltd**

**vs**

**Salvu Mintoff & Sons Ltd**

**Illum, 5 ta' Ġunju, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors għal ħrug tal-mandat ta' inibizzjoni datat 2 ta' Mejju, 2019.[1]

Rat id-digriet tagħha datat 2 ta' Mejju, 2019[2]

Rat ir-risposta ta' l-intimat datata 13 ta' Mejju, 2019[3].

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhud imressaq

Semgħet it-trattazzzjonijiet.

Rat ukoll iż-żewg noti li ġew aktar tard esebiti mis-soċjeta' intimata li t-tnejn ġew debitament notifikata lil kontro-parti[4]. Ma tressqet ebda nota jew sottomissjoni biex dawn jiġu ribattuti.

Ikkonsidrat.

Illi jibda biex jingħad illi din il-Qorti ma tistax ma tieħux konjizzjoni tal-ħafna istanzi gudizzjarji li hemmm pendenti jekk mhux ukoll deċiżi bejn il-partijiet. Biżżejjed jingħad illi fuq l-istess mertu ġia hemm mandati oħra kemm fil-Qrati Maltin ukoll dawk ta' Għawdex illi ġew miċħuda għar-raġunijiet hemm premess minnhom.

Bizzejjed f'dan ir-rigward li wieħed iħares lejn in-nota li presentat is-soċjeta' intimata li tindika l-ammont ta' mandati li saru fir-rigward ta' l-art u l-vertenza in kwistjoni.[5]

Tqies illi fir-rigward ta' dan il-mandat innifsu, ukoll ta' l-eċċezzjoni tal-*privilegum fori* mressqa biex tilqa għat-talba li saret quddiema, il-Qorti għandha

[1] Folio 1
[2] Folio 4
[3] Folio 84
[4] 16/05/2019 u 18/05/2019
[5] Datata 14 ta' Mejju, 2019.

tagħmel referenza għad-digrieti u sentenzi ġia moghtija dejjem in konessjoni ma l-art jew biċċiet minnha mertu ta' dan il-mandat.

Frankament iż-żewg partijiet qed jissolevaw talbiet u difizi li ġew ġia ezaminati mill-qrati tagħna, bl-ovvju ta' waħda aktar mill-oħra, li jwassal lil din il-Qorti għal tħassib vera ta' 'l hekk imsejjaħ *forum shopping*. .

Tqies illi waħda mid-difizi li tresqet għat-talba tal-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni hija dik tal-*privillegum fori, in poche parole* is-soċjeta' intimata ssostni li għandha tkun il-Qorti t'Għawdex li tiddeċidi din il-vertenza. Għal dan ir-rikorrenti wieġbet li tali eċċezzjoni, jekk hekk tista tissejjaħ f'dawn il-proċeduri, m'għandhiex tiġi trattata fi proċeduri ta' att kawtelatorju.

Tqies li huwa miżmum illi fi proċeduri bħal dawn in ezami, ħrug ta' att kawtelatorju, *ex lege* l-grad li jinħtieg jinlaħħaq huwa dak ta' *prima faċie*, grad li ġia fin-natura tieħu jinpedixxi lil Qorti adita milli tindaga **i*n funditus*** fuq kull vertenza mressqa inkluż dik ta' kompetenza ta' Qorti. F'dawn il-proċeduri l-Qorti kif inhu rissaput QATT ma tmiss jew tiżen il-mertu, u tara biss jekk hemmx jedd, lir-rikorrenti għandu dan il-jedd mad-daqqa t'għajn u jekk hux se jsoffri pregudizzju rreparabbli jekk tali jedd hux kawtelat. *Sic et simplicitur*. Eċċezzjoni ta' kompetenza trid bħal kull eċċezzjoni tiġi pruvata u sostnuta. U dan mhux sal-grad meġtieg f'dawn il-proċeduri. **Ghalhekk tqies illi din 'l hekk imsejjħa eċċezzjoni m'għandhiex lok f'dawn il-proċeduri**.

Biss bħala punt akkademiku u anke għaliex ssostni li hawn il-partijiet qegħdin jkunu ripettitivi fil-proċess gudizzjarju, tagħmel referenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet L-**Avukat Patrick Valentino noe vs Salvu Mintoff & Sons Limited**[6] fejn il-Qorti ezaminat *in funditus* l-eċċezzjoni mressqa fir-rigward tal-*privillegum fori*, dejjem trattando ta'

[6] 30 ta' April, 2019; rikors guramentat 973/2018/LSO

l-istess art mertu ta’ dan il-mandat ukoll ta’ l-istess ilment ta’ qtugħ ta’ blat u attakk ta’ titolu, preċisament din kienet kawza ta’ vindikatoria. Din id-deċizzjoni trattat l-istess eċċezzjoni mressqa issa fil-mandat in eżami dwar il-Qorti kompetenti li għandha tisma u tiddeċidi il-vertenza.

Qalet il-Qorti

*“Illi l-**artikolu 741 tal-Kap 12** jiddisponi:*
*“l-eccezzjoni ta’ inkompetenza tal-qorti tista’ tinghata –*
*(c) meta huwa moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejha quddiem qorti partikolari.”*

*Illi wkoll l-**artikolu 767 tal-Kap 12** jistipula li :*
*“Il-beneficcju msemmi fil-paragrafu (c) tal-**Artikolu 741** huwa moghti lill-persuni li joqghodu fil-gzira ta’ Malta rigward il-qrati ta’ dik il-Gzira, u lil dawk li joqghodu fil-Gzejjer ta’ Ghawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta’ dawk il-Gzejjer.”*

*Dan il-privilegg ghalhekk huwa marbut mal-fatt ta' residenza u dan huwa hekk minhabba l-principju legali tal-"actor sequitur forum rei" izda jinsab cirkoskritt bir-regoli procedurali imfissra iktar ‘il quddiem.*

....

*Min-naha l-ohra, fit-trattazzjoni, ir-rikorrent irrefera ghall-kaz **John Mary Grima vs Francis Cutajar et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Jannar 2013. F'dik is-sentenza, l-Qorti tal-Appell siltet diversi principji li ghandhom jigu applikati fid-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qrati, inter alia:*

*1. Li hija r-residenza tal-konvenut li tirradika l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Għawdex ad esklużjoni tal-kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (u vice versa).*

*2. Li l-eċċezzjoni għall-benefiċċju tal-privilegium fori kif kontemplata taħt l-* **Artikolu 770** *ma kienx applikabbli ghal mertu ta' dak il-kaz li kienet kawza ta' spoll li, kwindi, ma tirrigwardax obbligazzjonijiet naxxenti minn xi ftehim.*

*3. Ghal dak li jirrigwarda s-sit tal-art in mertu f'dik il-kawza (Ghawdex) irriteniet li:*

*"Inkwantu għall-Artikolu 773 mertu ta' dan it-tieni aggravju, ġialadarba rajna li hija l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili li hija fil-fatt kompetenti biex tisma' l-kwistjoni odjerna, dan l-artikolu jagħmilha ċara li hija ma ssirx inkompetenti minħabba l-post fejn tinsab il-ħaġa in kwistjoni, f'dan il-każ l-art f'Għawdex. Għalhekk l-ebda kunsiderazzjoni ma għandha tingħata lill-post fejn hija sitwata l-ħaġa (f'dan il-każ Għawdex) u kunsiderazzjonijiet dwar il-post fejn tinsab il-proprjeta` jew fejn għandha tiġi esegwita s-sentenza f'każ li tintlaqa' t-talba għar-ripristinazzjoni huma rrilevanti (dan l-artikolu fil-fatt jikkonferma kemm kien żbaljat ir-raġunament tal-ewwel Qorti meta tat daqshekk importanza lill-fatt li jekk kellha tiġi milqugħa t-talba għar-reintegrazzjoni, din bil-fors li trid issir fil-Gżira ta' Għawdex, fejn jinsab ir-raba)." (Sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Ikkonsidrat li l-ligi hija cara li l-privilegium fori jispicca:*

*1. Meta l-ghadd ta' konvenuti li jghixu Malta u Ghawdex hu indaqs* ***(art. 769),*** *li ma japplikax ghall-kaz odjern;*

*2. Meta l-obbligazzjoni, li dwarha hi l-kawza, ghandha skont il-ftehim tigi ezegwita fi gzira partikolari* ***(art. 770),*** *li ser jigi issa trattat;*

*3. Meta jkun hemm rinunzja ghalih mill-persuna li ghandha jedd ghalih* ***(art. 772),*** *li ma japplikax ghall-kaz odjern*

*Ikkonsidrat li dawn l-artikoli huma tassattivi.*

*Illi applikati dawn l-artikoli ghall-kaz odjern jirrizulta u fil-fatt lanqas mhu kontestat li s-socjeta' intimata kellha l-indirizz registrat taghha f'Malta fiz-zmien meta gie pprezentat ir-rikors odjern. Ghalhekk id-disposizzjonijiet tal-artikoli 741 (c) u 767 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jregix fiz-zmien li giet sollevata r-risposta guramentata.*

*Madanakollu l-intimat ghamel enfasi fuq l-operat tal-kumpanija. Inoltre mis-sentenzi li ccita, jirrizulta wkoll li l-Qrati taghna hadu inkonsiderazzjoni s-sit tal-art/beni in kwistjoni, u fejn, allura, talba ghall-izgumbrament jew ripristinazzjoni, trid tigi esegwita.*

*Izda ezami tal-gurisprudenza citata turi b'mod l-aktar manifest li l-interpretazzjoni tas-socjeta' intimata hija ghal kollox zbaljata. Kif sottolineat mill-Qorti tal-Appell, fil-kawza fuq citata* ***Grima vs Cutajar, is-sit tal-art mhuwiex determinanti ghall-kwistjoni tal-privilegium fori.*** *Il-Qorti f'dik il-vertenza, iddistingwiet il-kaz minn kawzi ohra fejn it-talba ghar-rikonsenja ta' fond sitwat f'Ghawdex kienet accessorja ghall-ezekuzzjoni ta' obbligazzjoni principali (ad ezempji aċċessorja għall-ftehim ta' lokazzjoni u kompliet:*

*"18. Dawn iż-żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell għalhekk jgħallmu li għall-finijiet tal-Artikolu 770 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili anke meta l-kawża ma  tkunx speċifikatament dwar obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari iżda tkun dwar vertenza li hija relatata ma' tali obbligazzjoni, din bħala aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali għandha titqies fuq l-istess bażi, u għalhekk f'dan il-każ il-privilegium fori ma japplikax. Id-deċiżjoni tal-1917 in oltre tenfasiżża li meta l-bażi tal-azzjoni tkun il-kolpa extra kontrattwali dan l-artikolu mhux applikabbli."*

...

*Ikkonsidrat li sabiex il-Qorti tkun tista' sewwa tiddisponi mill-eccezzjoni tal-privilegium fori jehtigilha tinkwadra korrettement il-parametri ta' l-azzjoni kif proposta. Din temergi mir-rikors promotur.*

*Illi l-kawza odjerna hija intiza ghall-izgumbrament tas-socjeta' intimata stante li qed jigi allegat li qed tokkupa l-art minghajr titlu u li qatt ma kellu titlu fuq l-istess. Difatti jinsab premess hekk:*

*"Illi, artijiet adjacenti gew koncessi lis-socjeta` intimati ghal skopijiet ta' barriera (liema koncessjoni llum tinsab terminata)* ***izda l-istess socjeta` oltre passat il-konfini ta' dak lilha koncess u abbuzivament dahlet fl-artijiet mertu ta' din l-azzjoni.*** *" (Emfasi ta' din il-Qorti)."*

...

*"Jirrizulta ghalhekk li din hija azzjoni kwalifikabbli bhala l-actio rei vindicatoria. L-attur mhuwiex qed jinvoka l-ebda obligazzjoni, u mhuwiex qed jagixxi abbazi ta' jedd kontrattwali. Kwindi lanqas mhu applikabbli l-artikolu 770*

*tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn allura, l-intimat ikollu ragun jinsisti li l-azzjoni tigi esperita quddiem il-Qrati t'Ghawdex.*

*Ghaldaqstant, din il-Qorti ser tghaddi biex tichad t-tieni eccezzjoni tal-privilegium fori."*

Din il-Qorti tagħmel ukoll referenza għad-digriet li tat din il-Qorti diversament preseduta, dejjem fl-istess ismijiet ukoll f-atti ta' mandat ta' inibizzjoni dak li jġib in-numru **2078/18JZM**, datat 5 ta' Jannar, 2019, **għalhekk biss ftit xhur ilu. Senjatament it-talba hija ezatt u identika għal din in eżami.**

**Dik** il-Qorti għamlet studju *in funditus* tar-rekwisiti tal-mandat, l-elementi tiegħu, wasslet għal konklussjoni lit-talba ma kellhiex tintlaqa. **Din il-Qorti tagħmel ampja referenza għal dan id-digriet a skans ta' ripettizzjoni.**

L-uniku element ġdid li tressaq issa u li għalhekk jerġa qiegħed din il-vertenza għal rikonsiderazzjoni ta' din il-Qorti hija l-allegazzjoni lis-soċjeta' intimata trasferiet l-assi kollha tagħha pendenti il-kawza fuq il-mertu mressqa mir-rikorrenti, biex b'hekk jekk l-istess soċjeta' rikorrenti jkollha ezitu favorevoli ma ssibx fuq xiex tesegwixxi. Kien għalhekk illi l-istess intimata għazlet li tesebixxi n-nota suriferita li biha uriet lil Qorti l-*audits* ukoll *financial statements* tagħha.

Il-Qorti wara li eżaminat in-nota esebita fil-konfront ta' *l-audited accounts,* ma tarax li jekk l-azzjoni mressqa mis-soċjeta' rikorrenti jkollha eżitu favorevoli għalija, in-nuqqas tal-kawtela mitluba llum tqegħda fi pregudizzju rremeddjabbli tenut kont tad-dokumenti li juru l-istat finanzjarju tas-soċjeta' intimata. **Tara lis-**

**soċjeta rikorrenti għandha toroq oħra x'tista tagħzel u tieħu biex tirrikorri għad-debita kawtela. Dana jingħad fid-dawl illi l-mandat ta' inibizzjoni huwa kif inhu ben risapput provediment eċċezzjonali u mhux wieħed li għandu jiġi nkors b'mod legger.**

**Konsegwetement tiċħad it-talba bl-ispejjez għak-karigu tar-rikorrenti.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D**
**Imħallef**